MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 110/7

It-Tlieta 25 ta' Settembru 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Romeo Baldacchino – Viċi Sindku

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

110.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

110.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (108/7 [21/08/18] u 109/7 [06/09/18]);

110.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

110.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

110.5 Rapporti;

110.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali;
- a. Monument tal-Gudja – progress;
- b. Bye-Law dar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja – progress;
- c. Fondi – Miżura 4.3 – Toroq Rurali – progress;
- d. Resurfacing ta' Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja – progress;
- e. Proġett Ġnien Raymond Caruana – progress;
- f. Proġett Ġnien Ġlormu Cassar – progress;

110.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

110.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

----------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.02pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**110.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

110.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Baldacchino. Il-Kunsill laqa' din l-apoloġija u ddeċieda li għal kull buon fini ta' rimunerazzjoni tas-Sur Baldacchino, din ir-remunerazzjoni ma tiġix imnaqqsa.

**110.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (108/7 [21/08/18]; 109/8 [06/09/18])**

110.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

Is-Sindku ppropona u s-Sur Fenech issekonda li dawn il-minuti 108/7 u minuti 109/8 jiġu approvati. Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**110.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

110.3.1 Toqob għall-arbli tal-festi esterni. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mitlub sabiex isiru xi toqob fi Triq Bir Miftuħ ('il isfel) li jkunu jistgħu jintużaw minn kull min jorganizza l-festi esterni ġewwa l-Gudja. Dak li qal is-Sindku ġie approvat b'mod unanimu.

F'dan l-istadju is-Sur Caruana ġibed l-attenzjoni li għandu jkun hemm aktar attenzjoni sabiex wara li t-toqob jintużaw b'arbli dawn għandhom jitgħattew u jinżammu magħluqa sewwa, infatti hemm żewġ ħofor li għandhom jingħalqu sewwa.

110.3.2 Area ta' parkeġġ ħdejn il-grawnd tal-futbol biswit Palazzo d'Aurel. Is-Sindku qal li peress li fejn qabel li kien hemm bandli spiċċa vandalizzat li dawn il-bandli kellhom jingħalqu minħabba li kienu fi stat perikoluż nħoloq spazju tal-parkeġġ billi jitneħħew xi ftit ċangaturi u tiwitta' ftit l-art.

Ma kien hemm ebda oġġezzjoni dwar dak li qal is-Sindku. Is-Sur Caruana qal li dan l-ispazju ta' parkeġġ għandu jkun hemm temporanju peress li hemm proġett maħsub għal dawn l-inħawi.

Is-Sur Caruana qal ukoll li hemm bżonn dawl aħjar peress li kemm il-*floodlight* kif ukoll ir-rifletturi ġew vandalizzati u jinsabu mkissrin.

110.3.3 Xiri ta' mutur sabiex jinqata' l-ħaxix f'postijiet mhux urbani. Is-Sindku qal li dan il-mutur inxtara kif maqbul u approvat mill-Kunsill. Is-Sindku qal li sar xogħol ta' qtugħ tal-ħaxix fi Triq Ħal safi. Dan inġabar mill-ħaddiema tal-Kunsill iżda xi bdiewa li naddfu l-għalqa tagħhom tefgħu l-ħaxix ħażin fit-triq u b'hekk reġgħu taw dehra kerha tal-istess triq.

110.3.4 Laqgħa fuq il-post mal-Maniġer tat-Transport Malta (is-Sur Haig). Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa fuq il-post (fil-preżenza tal-Kunsillier is-Sur Fenech) morna wkoll fil-Housing Estate tal-Mitħna sabiex isiru linji bojod kif meħtieġa preżentament, u ġew diskussi l-problemi serji tat-traffiku fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Kbira, rajna l-linji sofor li jinsabu fi Triq il-Fidwa, il-problema ta' parkeġġ fi Triq il-Fidwa qrib Wesgħet Anġlu Dalli kif ukoll linji sofor li jillimitaw l-parkeġġ biswit Wesgħet Anġlu Dalli.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien issa qed jistenna r-rapport u jew l-approvazzjoni mit-TM sabiex isir dak meħtieġ.

110.3.5 Laqgħa mal-kuntrattur RMS Ltd li daħal flok il-kuntrattur Cassarino dwar xogħlijiet fit-trejqiet fil-kampanja approvati taħt Miżura 4.3 tal-fondi tal-Unjoni Ewropea. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-kuntrattur is-Sur Joseph Desira flimkien mal-Perit tal-Kunsill u dak tal-kuntrattur kif ukoll l-Perit C. Cutajar mill-WSC dwar ix-xogħol meħtieġ mill-WSC.

Is-Sindku qal li jidher li hemm problemi fis-sens li l-kuntrattur ma kienx lest li jaħdem ix-xogħol tat-trinek tal-ilma bil-prezz li tat l-WSC. Il-Perit Cutajar qablet li tagħmel ir-riviżjoni kif ikun possibbli. Il-Kunsill qed jiffaċċja problema oħra li peress li dawn ix-xogħlijiet tal-WSC ma kinux avvżati lill-Kunsill minn qabel, minkejja li l-Kunsill talab lill-WSC din l-informazzjoni sa ħafna żmien ilu u peress li l-WSC qed tippretendi li dawn ix-xogħlijiet jitħallsu mill-Kunsill peress li l-Paying Agency qalet li ma kinitx lesta li tħallas għal dawn ix-xogħlijiet peress li dawn huma xogħlijiet li mhux approvati taħt il-

programm, il-Kunsill jinsab impenjat li tinsab soluzzjoni u li hemm bżonn li l-Kunsill jingħata estenzjoni taż-żmien sabiex jitwettaq dan il-proġett.

110.3.6 Survey ta' Triq id-Dejqa, Triq Sta Katarina u Triq Joseph Pace. Is-Sindku qal li s-surveyor kif imqabbad mill-Perit tal-Kunsill Jean Pierre Ellul talab il-ħlas ta' €1475.00 sabiex jagħmel is-survey u rapport kif mitlub.

Il-Kunsill approva li joħroġ dan il-pagament mill-aktar fiss possibbli.

110.3.7 Triq iż-Żebbuġa. Is-Sindku qal li kien hemm bżonn xi kjarifiki dwar l-viżita tal-Perit Christine Muscat (D Plan Architects) fuq il-post u kien qed jistenna li meta jiġi maqbul il-materjal kif propost mill-Perit, joħorġu l-BOQs u t-tender meħtieġa.

Is-Sur Caruana qal li wara li sar qbil li x-xogħol jinkorpora r-rampa fid-daħla għas-sala parrokkjali hemm ukoll ħtieġa li nitkellmu mad-diriġenti tal-każin La Stella dwar partijiet tal-binja li tmiss ma' din it-triq u li jkun hemm materjal u xogħol kompatibbli.

110.3.8 Urban Improvement Fund (UIF) jiġu allokati sabiex jiffinanzjaw xogħlijiet fi Triq Santa Katarina, Triq Joseph Pace u Triq id-Dejqa flok il-finanzjament tal-bini tal-Kunsill. Is-Sindku qal li jidher li d-devoluzzjoni tal-art tal-bini tal-Kunsill biswit Palazzo d'Aurel jinsab kemxejn 'il bogħod, il-Kunsill għandu jirrevedi din id-deċiżjoni u li dawn il-fondi jintużaw għall-finanzjament tax-xogħlijiet imsemmija.

Is-Sindku qal li xtaq jieħu vot dwar li kien qed jipproponi.

Dak li ppropona s-Sindku ġie approvat b'mod unanimu.

110.3.9 Laqgħa mas-Supretendent Josric Mifsud Għassa taż-Żejtun. Is-Sindku qalli kellu din il-laqgħa dwar is-sigurtà fil-Gudja kif ukoll l-installazzjoni tas-CCTVs madwar il-Gudja.

Is-Sindku qal li s-CCTVs huma bżonjużi speċjalment fi nħawi fejn hemm l-iskips tas-separazzjoni tal-iskart u fi nħawi oħra fejn frekwentament jiġu vandalizzati.

Is-Sindku qal li s-Supretendent stqarr li l-Pulizija ma kinitx lesta tissorvelja dawn is-CCTVs iżda meta jiġu rrappurtati xi abbużi l-Pulizija titlob il-filmati u tipproċedi skont il-każ.

110.3.10 Qtugħ ta' siġar. Is-Sindku qal li l-ERA għandha tiġi konsultata dwar il-qtugħ ta' siġar madwar il-Gudja.

**110.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

110.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**110.5.0 Rapporti**

110.5.1 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Proġett bżieżaq. Ma jiġux mtajra bżieżaq waqt xi attivitajiet tal-Kunsill li jagħmlu ħsara lill-ambjent ta' madwarna kif ukoll li dan inwassluh lill-għaqdiet kollha tal-raħal. Is-Sur Sammut qal li filwaqt li huwa tajjeb li l-Kunsill jidħol f'dan il-ftehim, il-Kunsill għandu wkoll iħajjar l-għaqdiet u każini tal-Gudja sabiex huma wkoll jaqblu u josservaw dan il-ftehim għaliex dan il-proġett huwa ħidma diretta favur l-ambjent.

b. Proġett man-Next Bike. Is-Sur Sammut staqsa dwar il-progress dwar dan il-proġett. Is-Sur Sammut ġie infurmat illi peress li l-Kunsill kien diġà qabel li jkun hemm tliet siti (Ġnien R. Caruana, Ġnien Ġ. Cassar Xlejli u Housing Estate tal-Mitħna) fi żmien qasir sejra ssir laqgħa mas-Sur Camilleri u meta jiġu stmati l-ispejjeż u finanzjament, il-Kunsill ikun jista' jasal għal deċiżjoni finali. Is-Sur Sammut qal li nistgħu nitolbu l-għajnuna finanzjarja tal-MIA.

c. Proġett tal-EU. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill jista' jieħu sehem fil-proġett t' mużika fit-Turkija liema proġett jiġi finanzjat minn fondi Ewropej. Il-Kunsill qabel li jagħmel din l-applikazzjoni sabiex żgħażagħ u persuni oħra jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dan il-proġett.

d. Kont pendenti mal-ARMS. Is-Sur Sammut qal li mill-korrispondenza kien qed jidher li din il-kwistjoni għadha pendenti u li jidher li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien qisu qed jitfa' l-piż tiegħu kontra l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jkompli bil-pressjoni sabiex filwaqt li jirkupra l-ammont ta' li naqqas id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jiġu assigurat li kull talba għal ħlas mill-ARMS f'dan ir-rigward tiġi tratata speċjalment li fid-dawl li issa dan is-servizz qiegħed fuq street lighting. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk ikun meħtieġ il-Kunsill jitlob l-għajnuna legali tal-avukat tal-Kunsill.

e. Belveder fl-inħawi tal-Kappella ta' Loreto. Is-Sur Sammut qal li jkun utli li l-Kunsill jikkonsidera li dawn l-inħawi jiġu mħarsa sewwa u li anke jsir proġett ta' belveder u jitneħħa l-ħmieġ u jiġu msebbaħ l-ambjent tal-madwar speċjalment li dawn l-nħawi huma frekwentati minn tant nies kemm persuni mill-Gudja u tant oħrajn.

110.5.2 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Tindif ta' kalverts. Is-Sur Caruana qal li hemm bżonn li jitnaddfu l-kalverts fi Triq l-Għelejjel u fi bnadi oħra fosthom fid-daħla ta' Triq Bir Miftuħ.

b. Ġnien iż-Żgħażagħ. Is-Sur Caruana qal li hemm bżonn li dan il-ġnien għandu jinżamm aħjar billi l-ELC (kuntrattur li jieħu ħsieb il ġonna madwar il-Gudja ) jaħdmu wkoll fuq dan il-lok.

c. Triq il-Lewż, il-Gudja. Is-Sur Caruana qal li din it-triq li fiha hemm siti ta' kostruzzjoni tinsab fi stat ħażin u ta' sikwit ikun hemm konkos fit-triq u ħmieġ ieħor. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-LESA sabiex jintbagħtu l-gwardjani lokali f'diversi ħinijiet sabiex ikun hemm aktar ordni u ħarsin tal-ambjent residenzjali.

d. Servizz ta' ġbir ta' skart. Is-Sur Caruana qal li huwa tajjeb li l-Kunsill jagħmel tajjeb li jeduka n-nies dwar il-ġbir u s-separazzjoni tal-iskart. Iżda hemm il-ħtieġa wkoll li jkun hemm konsistenza għaliex mhux sewwa li daqqa l-iskart jinġabar qabel id-9am u daqqa fil-5pm jew anke wara.

e. Spazji – wirja tal-arti mtella' mill-Kunsill Lokali tal-Gudja bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa Arċimatriċi u Arċipretali Santa Marija tal-Gudja. Is-Sur Caruana qal li bħala programm mill-Erba' Staġuni sejra tittella' din il-wirja mill-10 sal-14 ta' Ottubru 2018 fiċ-Ċentru Parrokkjali Gudja. Is-Sur Caruana qal li ftit li xejn ma jkun hemm spejjeż għall-Kunsill ħlief għal xi bibità u affarijiet oħra żgħar. Is-Sur Caruana stieden lill-membri tal-Kunsill sabiex jattendu u li jħajru lin-nies oħra li jattendu u b'hekk il-ħidma tal-Kunsill dwar il-kultura tkun aktar magħrufa u apprezzata. Se jingħata ċertifikat lil dawk li jipparteċipaw.

Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sur Caruana f'dan ir-rigward.

f. Sleeping policeman fi Triq Bir Miftuħ. Is-Sur Caruana rrimarka li fil-fehma tiegħu dawn l-isleeping policeman inqalgħu b'mod temporanju sabiex isir il-manutenzjoni meħtieġa fuqhom. Is-Sur Caruana fakkar ukoll li l-Kunsill kien qabel ukoll li jitlob il-pariri tat-TM dwar l-aħjar metodu u post li jitpoġġew dawn l-isleeping policeman f'din it-triq li veru għandha bżonn ta' traffic calmers.

Is-Sur Caruana staqsa dwar xi risposta mingħand it-TM u jekk li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni fuq it-TM sabiex tagħti risposta pożittiva u li jittaffa l-periklu li qed jirriżulta wara li tneħħew dawn l-isleeping policeman.

g. Eliminazzjoni tal-bżieżaq li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Is-Sur Caruana qal li huwa kien qed jingħaqad mas-Sur Sammut u jitlob lill-Kunsill sabiex iħajjar lill-għaqdiet u każini fil-Gudja sabiex ikunu in linea mal-Kunsill u jevitaw l-użu ta' bżieżaq li jħassru l-ambjent fid-diversità tiegħu.

h. Kontroll tal-ħamiem li qed jagħmel ħsara kbira. Is-Sur Caruana staqsa jekk i-Kunsill kienx mexa dwar dak li stqarret l-AKL li nstab kuntrattur li jista' jagħti s-servizz meħtieġ. Is-Sur Caruana ġie infurmat li għad ma kienx hemm kuntatt jew xi ftehim dwar dan is-servizz għalkemm il-Kunsill għamel dak kollu possibbli sabiex jikseb progress dwar din it-tema.

110.5.3 George Fenech (Kunsillier)

a. Gudja tar-residenti. Is-Sur Fenech qal li filwaqt li fil-Gudja qed isir ħafna żvilupp ta' bini, wieħed qisu qed jinsa li l-Gudja hija tar-residenti li sfortunatament qed jiġu mfixkla mill-iżviluppaturi fil-ħajja tagħhom ta' kuljum li sa ftit ta' snin ilu tant kienet kwieta u trankwilla. Is-Sur Fenech qal li l-Kunsill għandu jagħmel dak kollu possibbli sabiex l-iżviluppaturi ma jkomplux ifixklu l-ħajja tar-residenti.

b. Konfini tal-Gudja li jinkludu l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Is-Sur Fenech fakkar li huwa kien preżenti u pparteċipa fil-laqgħa mal-Kummissjoni Elettorali. Il-membri tal-Kummissjoni Elettorali qablu li l-Kunsill għandu raġun iżda minħabba aspetti internazzjonali ma setgħux joħorġu formalment li l-bini tal-ajruport issa jinsab fil-Gudja.

   Is-Sur Fenech qal li f'dan l-istadju issa l-Kunsill għandu jikteb lill-Prim Ministru sabiex jinfurmah bil-pożizzjoni tal-Kummissjoni Elettorali u li fit-talba tal-Kunsill ma jiġix effetwat ebda vot u b'hekk din l-anomalija preżenti li qed ippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Kunsill tiġi solvuta darba għal dejjem favur l-interessi tal-Gudja.

c. Makkinarju kbir li qed jagħmel ħsara fit-toroq tal-Gudja. Is-Sur Fenech qal li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-PA dwar dan jitlob lill-PA sabiex tagħti l-għajnuna lill-Kunsill sabiex isiru t-tiswijiet sewwa fit-toroq li qed jitkissru, fosthom Triq R. Caruana u Triq il-Kbira b'inġenji kbar li qed jużaw l-iżviluppaturi.

d. Arbli li fuqhom hemm wajers tal-elettriku. Is-Sur Fenech qal li wieħed jinnota li madwar il-Gudja hemm diversi arbli, uħud minnhom fi stat perikoluż li magħhom hemm wajers tal-elettriku. Is-Sur Fenech qal li l-Kunsill għandu jikteb lill-Enemalta sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni u li ma tagħmilx arbli jekk mhux bil-permess u approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill.

**110.6.0 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali**

110.6.1 Monument tal-Gudja. Saret laqgħa mal-parteċipanti (dawk biss li wieġbu għas-sejħa) u tagħrif dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

110.6.2 Bye law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja. Sa issa l-Kunsill irċieva l-irċevuta tal-ittra u l-progress dwar din il-materja jingħata fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

110.6.3 Fondi Miżura 4.3 – toroq rurali. Din it-tema diġà ġiet diskussa aktar qabel f'dawn l-istess minuti.

110.6.4 Resurfacing ta' Triq iż-Żebbuġa. Din it-tema diġà ġiet diskussa f'dawn l-istess minuti.

110.6.5 Proġett Ġnien R. Caruana. Jidher ili d-Dipartiment tax-Xogħlijiet għadu qed jipprepara t-tender.

110.6.6 Proġett Ġnien Ġ. Cassar. Jidher li saret applikazzjoni mal-PA.

**110.7.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

110.7.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti nru 60/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier G. Fenech għall-ammont totali ta' €14806.91. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet ukoll iffirmata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**110.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

110.8.1 Tilqim kontra l-influwenza. Peress li l-Kunsillier is-Sur Fenech li huwa nurse kkwalifikat kien offra li jagħti dan it-tilqim bla ħlas, il-Kunsill qabel li għal din is-sena bħalma seħħ is-sena l-oħra t-titqib jingħata mis-Sur Fenech b'mod volontarju.

110.8.2 Tabelli għar-restawr – Triq R. Caruana. Is-Sur Caruana qal li għalkemm kien diġà semma' dan f'laqgħat oħra kien għadu ma sar xejn. Is-Sindku wieġeb li kien sejjer jieħu ħsieb dan kemm jista' jkun malajr.

110.8.3 Xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill approva x-xiri ta' 50 borża cold tarmak u 3 landi sealer.

110.8.4 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.16pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja | Ranier Busuttil |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |